MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1812/2005

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**EPS Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' erbgha mija u ghoxrin lira u erbgha u seghin centezmu (Lm420.74) dovuta ghal servizzi ta' reklamar rezi fuq Bay Radio, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota tas-socjeta attrici prezentata waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar 2006 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghal tmenin lira Maltija (Lm80.00) stante pagament fil-mori.

Ra l-verbal ta’l-udjenza mizmuma fid-9 ta’ Mejju 2006 meta s-socjeta attrici ddikjarat li hija irceviet ukoll hlas ta’ l-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b’l-avviz fit-12 ta’ April 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ridotta ta’ tmenin lira Maltija (Lm80.00) b’l-imghaxx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------